MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 81/2007

**A. J. & F. Attard Ltd (C6449)**

**Vs**

**George Cassar (I.D. 485356M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi b'Dok A1, ipprezentat fil-31 ta' Jannar 2007, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf mitejn u wiehed u tmenin Euro u sittax-il centezmu (€1281.16) gja` hames mija u hamsin Liri Maltin (Lm550), liema ammont huwa dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma' fornitura ta' bandsaw kif jidher mill-anness dokument immarkat A1, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fornitura ta' l-istess bandsaw.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut ipprezentata fis-16 ta' Frar 2007 fejn eccepixxa illi s-somma mitluba mis-socjeta`

attrici giet imhallsa permezz ta’ set-off maghmul mill-konvenut stante illi l-konvenut kien ghamel diversi xogholijiet fuq inkarigu moghti lilu mis-socjeta` attrici gewwa skola li tinsab B’Kara.
Sema’ x-xhieda kollha prodotti u ha konjizzjoni tax-xhieda kollha prodotti.

Sema` t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet u ra illi l-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi l-konvenut **George Cassar** xehed waqt is-seduta tat-8 ta’ Ottubru 2007 u qal illi huwa bennej u li ghamel xi xogholijiet lis-socjeta` attrici li dejjem hallset pero` dejjem bil-problemi dwar il-kejl. Huwa jghid li l-bandsaw in kwistjoni kienet xtratha s-socjeta` attrici ghaliex huwa ma kellux flus u kellha tinqata` mill-kont tax-xogholijiet li huwa kien qed jaghmel fl-iskola tal-Gvern ta’ B’Kara. Huwa jghid li x-xoghol illum huwa lest.

Ix-xhud jghid ukoll li ghall-bandsaw l-ewwel kien talbu tlett mija imbaghad mitejn u issa fl-avviz qieghed jitlob hames mija u hamsin Liri Maltin (Lm550).

In kontro-ezami jaghraf il-firma tieghu fuq Dok A1 (a fol 2) tal-process. Huwa jghid li jikkalkula li ghandu jiehu madwar hames mitt Liri Maltin (Lm500) ghax-xoghol fl-iskola ta’ B’Kara. Huwa jghid li x-xoghol li ghamel hu ma kejlux u meta talab lil Gulinu Attard sabiex imorru flimkien ma hallihx. Ix-xhud jghid ukoll illi huwa kien jithallas akkont fil-kors tax-xogholijiet u kien jinfurmah biex jaqta` parti mill-prezz tal-bandsaw izda Gulinu kien jghidlu li imbaghad jirrangaw fl-ahhar.

Illi l-istess xhud in ri-ezami jghid illi huwa ma jafx jaqra u jikteb, izda kien jaf li meta ffirma l-iskrittura (Dok A1) dik kienet riferibbli ghall-bandsaw. Ir-riferenza ghac-cekkijiet illi hemm fid-dokument A1 huma cekkijiet li hareg hu biex ihallas il-bandsaw. Ix-xhud jghid illi l-problema hija l-kwistjoni tal-kejl, pero` jaqbel illi s-socjeta` attrici hallset Lm550 fuq il-bandsaw li s’issa ghadu ma thallasx.

**Emanuel Cassar**, prodott mill-konvenut waqt is-seduta tat-8 ta' Ottubru 2007, xehed illi huwa t-tifel tal-konvenut u xogholu huwa ma' missieru fil-bini. Huwa jghid li Gulinu Attard kien qabbadhom jahdmu fi skola ta' B'Kara u kien ftehmu fuq il-prezzijiet u bdew ix-xogholijiet. Ix-xhud jghid illi kienu gew bzonn bandsaw u kienu kellmu lil Gulinu Attard u ftehmu illi jixtriha hu u mbaghad jaqtaghha mill-kontijiet. Huwa kien gabilhom il-bandsaw u kienu qablu li tiswa Lm550 u ftehmu li jaqtugha mix-xoghol li kienu qeghdin itellghu. Huwa jghid li darba kellhom argument u ma komplewx jahdmu hemm pero` kienu kkalkulaw li l-bandsaw kienet imhallsa.

Illi l-istess Emanuel Cassar in kontro-ezami jghid illi huwa ma kienx prezenti meta s-socjeta` attrici hadet il-kejl bil-perit taghha. Huwa jghid illi ghalkemm ghamlu l-kalkoli taghhom li l-bandsaw kienet maqtugha mix-xoghol li kienu ghamlu, huma qatt ma kienu tkellmu f'dan is-sens.

Illi x-xhud in ri-ezami esebixxa kopja ta' ittra legali mibghuta mill-papa` tieghu lis-socjeta` attrici.

In kontro-ezami l-istess Emanuel Cassar jghid illi din inkitbet wara li huma kienu nterpellati jhallsu l-ispejjez tal-bandsaw.

Illi waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2007, **Angelo Attard**, prodott mis-socjeta` attrici jghid illi l-kumpanija tieghu taghmel xoghol ta' bini u l-konvenut John Cassar hadem maghhom diversi drabi. Huwa jghid li huma kienu xtrawlu magna bil-prezz kif kien ftiehem hu stess mas-supplier.  Il-konvenut dejjem thallas ta' xogholu.

Ix-xhud jikkonferma illi qabel ma fetah il-kawza kien cempel lil Cassar u talbu Lm350 biex jevita li joqghod jidhol Qorti. Huwa jikkonferma wkoll li wasal biex jaccetta anke Lm200 bil-patt u l-kundizzjoni li jkompli x-xoghol li kien beda, u meta hu ddecieda li ma jkompliex, kellu jiftah il-kawza ghas-somma intiera.

Muri Dok AA 2, ix-xhud jghid illi dak huwa relatat ma' xogholijiet fuq l-iskola f'B'Kara li fuqha kienu qed jahdmu zewg kuntratturi. Muri Dok AA 3, huwa jghid illi ma kienx kont illi baghat lis-Sur Cassar imma lill-kuntrattur l-iehor li kien qed jahdem mieghu u ghalhekk il-Lm100 ma naqqashomx lil George Cassar imma lill-iehor.

Huwa jghid illi l-ahhar xogholijiet li ghamel Cassar gew kkwantifikati. Huwa jghid illi huma ma ghandhomx ituh flus lil Cassar izda hu ghandu jhallashom tal-magna. Mistoqsi ghalfejn kienu hallsuh jekk kien hemm ftehim illi kienu se jpacu l-bilanc dovut mal-prezz tal-bandsaw, huwa jghid li Cassar kien qallu li ser jibqa` jahdem il-Kalkara u mbaghad il-magna jpacuha max-xogholijiet ta' hemmhekk izda mbaghad kien iggieled maghhom u ma kompliex ix-xogholijiet.

Sema` x-xhieda ta' **Moira Attard** (seduta 18 ta' Settembru 2008) li stqarret b'referenza ghall-DOK A1 illi tgharaf il-kaligrafija taghha fuqha u spjegat ic-cirkostanzi li dawru dik l-iskrittura. Tispjega illi l-prezz tal-banzo kien ta' Lm550 u filwaqt illi gharrfet il-firma tal-konvenut Cassar tghid illi l-banzo hadha hu u beda x-xoghol B'Kara fuq inkarigu tas-socjeta` attrici. Ipprezentat DOK MA 1 u DOK MA 2 relattiv ghax-xogholijiet maghmula mill-konvenut fuq il-progett ta' B'Kara minn fejn jirrizulta illi l-konvenut thallas s-somma ta' Lm2100 f'erba` pagamenti (DOK MA 2) filwaqt illi l-istima tax-xogholijiet kien ta' Lm2040.96. Tghid ghalhekk illi filwaqt illi mill-kont tal-progett ta' B'Kara kellu jinqata` l-prezz tal-banzo, dan ma sarx u ghalhekk illi qed jintalab il-prezz tal-banzo issa b'din il-kawza.

Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha pprezentati u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi ma jirrizultax kkontestat il-prezz tal-banzo fl-ammont ta' Lm550. Anzi minn DOK A1 jidher illi l-istess konvenut accetta u kien jaf b'dan il-prezz u valur li ntefaq mis-socjeta` attrici ghan-nom tieghu.

Illi l-eccezzjoni moghtija mill-konvenut hija fis-sens illi huwa kien hallas il-prezz ta' l-istess banzo "*stante illi l-konvenut kien ghamel diversi xogholijiet fuq inkarigu moghti lilu mis-socjeta` attrici gewwa skola li tinsab B'Kara*".

Illi din l-eccezzjoni kellu jipprovaha l-istess konvenut. It-Tribunal ihoss illi din il-posizzjoni tal-konvenut ma rnexxilux jipprovaha, anzi, mid-dokumenti esebiti minn Moira Attard, DOK MA 1 u DOK MA 2 li ma humiex kkontestati, jirrizulta bil-kuntrarju, ossia illi l-konvenut thallas l-ammont intier ta' dak dovut lilu fuq ix-xogholijiet pprestati minnhu f'B'Kara minghajr ma tnaqqas il-prezz tal-banzo kif kien originarjament miftiehem.

Illi di piu`, l-istess konvenut fix-xhieda tieghu in kontro-ezami (8.10.2007) ighid – *jiena bhala stat ta' fatt naqbel illi s-socjeta` attrici hallset Lm550 fuq il-benzo u li s'issa ghadu ma thallasx*.

Emanuel Cassar, iben l-konvenut ighid ukoll illi *konna kellimna lil Gulinu Attard u konna ftehmna mieghu illi jixtriha hu u mbaghad jaqtaghha mill-kontijiet*.

It-Tribunal iqis illi gie ppruvat sodisfacentament illi l-prezz tal-banzo kellu jinqata` mill-prezz tax-xogholijiet ta' B'Kara. Irid jinghad f'dan il-kuntest illi l-istess Risposta tal-konvenut tghid dan.

Ukoll ppruvat illi l-prezz tal-benzo huwa ta' Lm550. Ukoll ippruvat illi l-prezz tax-xoghol ta' B'Kara thallas lill-konvenut fl-intier tieghu, minghajr ma tnaqqas il-prezz tal-banzo.

Huwa ghalhekk irrelevanti jekk fadalx bilanc dovut mis-socjeta` attrici lill-konvenut fuq xogholijiet ohra, bhal dawk tal-Kalkara. In vista tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet, il-mertu tax-xogholijiet tal-Kalkara u jekk fadalx bilanc dovut lill-konvenut o meno mhux qed jigi sindakat minn dan it-Tribunal.

Jirrizulta pero` illi l-prezz tal-banzo kellu jithallas mill-kont tax-xogholijiet ta' B'kara u dan ma sarx. Huwa ghalhekk illi t-Tribunal sejjer jilqa` t-talba attrici.

Ghaldaqstant, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, ha konjizzjoni tax-xhieda kollha prodotti u tad-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-konvenut u filwaqt illi jilqa` t-talba attrici, jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' elf mitejn u wiehed u tmenin Euro u sittax-il centezmu (€1281.16) gja Lm550, bl-imghax mid-data tal-presentata ta' l-Avviz.

Bl-ispejjes ta' din l-istanza li jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------